MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 1032/2014

**Marco Aquilina f'ismu proprju u ghan-nom u**

**in rapprezentanza tal-kumpanniji**

**Sand & Gravel Limited, Euro Concrete Blocks Limited,**

**Wied Incita Quarries Limited, Rainbowmix Concrete Limited,**

**Carisma Limited u Cocktail Limited**

**vs**

**L-Avukat Dottor Jan-Karl Farrugia LL.D.**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-avukat Farrugia tal-14 ta' Novembru 2014 ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1771/14 mahrug kontrih mill-intimati. Dr. Farrugia qed jitlob ir-

revoka tal-istess sekwstru ai termini tal-artikoli 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap. 12, kif ukoll li jigu imposti l-penali naxxenti mid-dolo jew kolpa tal-intimati ai termini tal-artikolu 836(8) b'garanzija skond l-artikolu 838A tal-Kap. 12;

Rat ir-risposta tal-intimati li opponew ghal din it-talba;

Rat l-atti tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni fejn il-kawzali ghal hrug tal-mandat milqugh mill-Qorti hi arrikiment ingust li sar mir-rikorrenti odjern b'dannu ghall-intimati odjerni fl-ammont ta' €9,120.75 oltre imghaxijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Jidher li bejn il-partijiet hemm diversi proceduri ghaddejjin fl-istess hin in konnessjoni ma pretensjonijiet reciproci. Dak pero li jikkoncerna lil Qorti hu l-mertu ta' dan il-mandat fil-limiti precizi tieghu cioe jekk hemmx lok li l-hrug ta' dan il-mandat ghandux jigi irrevokat ghal ragunijiet specifici li taghti l-ligi kif mitluba mir-rikorrenti.

Hu maghruf illi mandat kawtelatorju jinhareg biex jikkawtela dritt prima facie fil-ligi ta' min jitlob li favorih jinhareg. Il-Qorti mhix fi dmirha taccerta jekk il-pretensjoni hix gustifikata izda biss jekk il-pretensjoni ghandhiex bazi guridika li issostni talba gudizjarja maghmula konsegwenza tal-hrug tal-mandat. Il-mandat jinhareg a riskju ta' min jitolbu bil-konsegwenzi kollha li jgib mieghu f'kaz li jkun inhareg bla dritt u aktar minn hekk b'malizja jew negligenza gravi tieghu darba u jekk ikun gie negat gudizjarjament fil-mertu d-dritt vantat. Fl-istadju pero tal-hrug tal-mandat jew revoka tieghu fil-mori tal-proceduri fil-mertu, l-indagini tal-Qorti ma ghandhiex toltrepassa dak li jidher mad-daqqa ta' ghajn.

Ir-rikorrenti jallega illi l-hrug tal-mandat mhix gustifikat, ghaliex ghalkemm it-talba tal-intimati hi imsejsa fuq l-arrekkiment ingust, u dan skond prospett ipprezentat minnhom mal-mandat ta' sekwestru, l-istess prospett jispecifika illi saret tpacija u ghalhekk ir-rimedju taghhom ma kienx dak mitlub bhala kawzali ghax tali rimedju jista biss jigi avvallat meta ma hemmx rimedju iehor disponibbli.

Din il-Qorti tqis li tali argument jista' jkun validu ghax jolqot il-mertu tal-azzjoni pero ma tolqotx l-ghazla tas-sekwestrant li jivvanta d-dritt li jidhirlu hu bhala applikabbli legalment ghal kaz. Dak li qed jitlob ir-rikorrenti hu indagini fil-mertu tan-negozju li saru bejn il-partijiet mentri l-obbligu tal-Qorti hu biss li taccerta ruhha illi s-sekwestrant ghandu pretensjoni li hi suxxettibbli ghal azzjoni fil-mertu. F'dan il-kaz jidher li l-intimati qed jippretendu dritt ta' kreditu li skond huma ma ghandhomx mezz iehor legali li jippercepuh hlief bl-actio de in rem verso. Jekk tali triq legalment mehuda fil-konfini ta' gustifikazzjoni ta' dritt pretiz hix gustifikata fil-fatt u dritt mhix parti mill-indagini li ghandha taghmel din il-Qorti.

Ghalhekk it-talba ghar-revoka imsejsa fuq din il-permessa ta' nuqqas ta' gustifikazzjoni mhix qed tigi milqugha.

Ir-rikorrenti jissottometti wkoll illi mhix prima facie ragonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh. Dan jinghad ghax skond ir-rikorrenti u kif jidher mid-dokument anness mal-mandat ittiehdet azzjoni biss erba' snin minn meta l-istess intimati suppost kienu konsapevoli tad-dritt taghhom. In oltre tali azzjoni ittiehdet wara li r-rikorrenti mexxa proceduri hu billi ghamel mandat ta' qbid fuq vettura tal-intimati ghal pretensjonijiet vantati minnu.

Hi l-fehma tal-Qorti li dan l-argument ma jwassalx ghal konkluzzjoni li l-mandat mhux ragonevoli li jinzamm fis-sehh. Jekk l-intimati damu erba' snin biex intavolaw il-mandat u l-proceduri fil-mertu, hi kwistjoni li ma timpingix fuq jekk mandat kellux jinhareg o meno. In oltre ma jidher li inbidel xejn bhala fatt minn meta inhareg il-mandat sallum u ghalhekk il-Qorti ma tqis li ingiebet prova li turi li mhux ragonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh minhabba xi bdil fic-cirkostanzi li jimmeritaw li l-mandat jigi revokat.

Ir-rikorrenti jitlob il-hlas ta’ penali ai termini tal-artikolu 836(8)(c) u (d) tal-Kap. 12. Din hi sanzjoni fakoltativa moghtija lil Qorti anki fejn ikun intlaqa’ l-hrug ta’ mandat liema sanzjoni pero ghandha tigi applikata jekk jirrizultaw l-estremi tac-cirkostanzi imsemmija fl-istess subartikolu. Din il-Qorti tqis illi ma sabet ebda prova prima facie li l-pretensjoni tal-intimati hi frivola, malizjuza jew vessatorja. It-talba hi imsejsa fuq pretensjoni pekrunjarja li f’cirkostanzi idoneji tista’ tigi milqugha skond ir-rekwiziti legali tal-actio de in remo verso. Pero din il-Qorti issibha difficli tirrikoncilja l-agir tal-intimati taht is-subinciz (c) tal-artikolu 836(8). Ma jistax jinghad li kien hemm xi dubju ragonevoli dwar is-solvenza tar-rikorrenti jew il-possibilita finanzjarja tieghu li jissodisfa l-pretensjoni tal-intimati jekk tigi ippruvata. Wara kollox l-ammont pretiz mhux wiehed ezorbitanti pero aktar minn hekk l-istess intimati jammettu illi r-rikorrenti hu dovut somma ferm akbar minn ghandhom u ghalhekk semmai ghandu jkun hemm tpacija bejn dak dovut minnhom ma’ dak dovut lilhom. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li ghandha tigi imposta penali fil-konfront tal-intimat favur ir-rikorrenti fis-somma ta’ €1,500 u dan tenut kont tal-ammont pretiz mill-istess intimati fil-konfront tar-rikorrenti.

Fl-ahharnett il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ghandha tintlaqa’ t-talba ghal ghoti ta’ garanzija fil-konfront tar-rikorrenti u dan peress illi jekk pruvati, il-pretensjoni tal-partijiet joqtlu lil xulxin bir-rikorrenti jibqa’ in parte kreditur. Ghalhekk hemm gusta causa li issir kawtela jekk l-intimat iqis in-necessita li jzommu in vigore l-mandat ta’ sekwestru f’dawn ic-cirkostanzi.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti ghal revoka tal-mandat ta’ sekwestru 1771/14 pero tilqa’ t-talba tieghu ghal impozizzjoni ta’ penali ai termini tal-artikolu 838(A)(c) tal-Kap. 12, u tordna lil-intimati jhallsu in solidum is-somma ta’ €1,500 lir-rikorrenti in linea ta’ penali, kif ukoll tordna lil intimati jiddepozitaw fir-registru tal-Qorti s-somma ta’ €5,000 bhala garanzija ghad-danni u imghaxijiet entro hmistax-il gurnata millum u fin-nuqqas il-mandat ta’ sekwestru 1771/14 jitqies rexiss. Spejjez jibqghu bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------